



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2020
(OR. fr)

10613/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0077 (NLE)

ACP 84
WTO 167
COAFR 243
RELEX 621

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-lista ta' arbitri

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-
Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-lista ta' arbitri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE² u qiegħed jiġi applikat b'mod provviżorju mit-3 ta' Settembru 2016.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 64(1) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE għandu jfassal lista ta' persuni li huma disposti u kapaċi jkunu arbitri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-lista ta' arbitri").
- (3) Il-Kumitat tal-FSE, fil-laqgħa annwali tiegħu li jmiss, se jkun meħtieġ jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-lista ta' arbitri f'konformità mal-Artikolu 64(1) tal-Ftehim.
- (4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-FSE, sa fejn id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-lista ta' arbitri tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni ta' dan tal-aħħar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 59, 3.3.2009, p. 3.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 59, 3.3.2009, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE dwar l-adozzjoni tal-lista ta' persuni disposti u kapaċi jkunu arbitri¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 10614/20 hawnhekk: <http://register.consilium.europa.eu>